MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2013

Rikors Numru. 83/2012

**Carmelina Fenech (ID No. 439238M)**

**vs**

**John Abela (ID No. 496550M)**

Il-Bord;

Ra r-rikors promutur li jghid hekk;

Illi l-esponenti hija s-sid tal-fond No. 5, Triq San Bernard, Marsa, liema fond qieghed mikri ghand l-intimat bhala residenza u dan ghal-ammont ta’ mija u sittax il-euro u sebgha u erbghin centezmi (€116.47) kull xahar u jithallas bil-quddiem kull sitt xhur fl-4 ta’ April u 4 ta’ Ottubru ta’ kull sena;

Illi l-intimat gie interpellat diversi drabi sabiex ihallas l-iskadenzi u l-aretrati u bhala fatt giet notifikat b'ittra ufficjali u xorta baqa inadempjenti;

Illi l-intimat ghandu hames skadenzi u ilu ma jhallas sentejn u nofs;

Illi l-intimat gie interpellat sabiex jivvaka mill-fond permezz ta' ittra ufficjali.

Ghaldaqstant l-esponenti bir-rispett jitlob lil dan il-Bord jiddikjara bhala terminat l-kirja inkwistjoni u konsegwentement jordna lill-intimat jizgombra mill-fond u tawtorizza lill-istess esponenti li tirrprendi l-pussess tal-fond No. 5, Triq San Bernard, Marsa u dan fiz-zmien qasir u perentorju li jigi iffissat lill-intimat ghal dan l-iskop.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

Ra l-ammissjoni tal-intimat kif verbalizzata fis-seduta tat-28 ta' Frar 2013 kif ukoll d-dikjarazzjoni tar-rikorrenti li qed tirrinunzja ghall-arretrati tal-kera bil-kundizzjoni li l-intimat ihallas il-kontijiet tad-dawl u ilma, jeffettwa t-trasferiment tal-meters tad-dawl u ilma kif ukoll li l-intimat jinghata xahar zmien biex jizgombra mill-fond lokat;

Ra l-atti tal-kawza;

Stante ammissjoni l-Bord qed jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u ghalhekk qed jordna lill-intimat jizgombra mill-fond hawn deskritt fi zmien xahar (1) mil-lum;

L-ispejjez tal-kawza ghandhom ikunu sopportati mill-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------